**18 ta' Novembru, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Joseph Dimech

**Appell — Terminu — Art. 55(1) tal-Kap. 15 — Art. 431(3) u 429 tal-Kap. 12.**

*Il-fatt li l-attijiet ta' appell kriminali jaslu fir-Reġistru tal-Qorti Kriminali Superjuri wara l-ħin preskritt mill-liġi, ma*

*jirrendix nulli dawk l-attijiet u l-appell bihom introdott. jekk l-appellant ikun osserva t-termini għall-appell skond il-liġi. Ladarba l-appellant ikun għamel dak kollu li kellu jagħmel, ċjoè ippreżenta r-rikors tiegħu fiż-żmien meħtieġ u ħallas "a tempo debito" għall-introduzzjoni tal-attijiet, huwa ma għandux ibati l-konsegwenzi għal dak li m^a kienx affattu jiddependi minnu, imma biss mir-Reġistr^a tur.*

Il-Qorti:— Fuq l-inċident verbalizzat fol. 15;

Wara li semgħet il-provi dwaru u r-riljevi tad-difensur tal-appellant u dawk tal-Prosekuzzjoni;

Ikkunsidrat;

Irriżulta mill-provi, għas-sodisfazzjon tal-Qorti, li l-attijiet ta' dan l-appell waslu fir-Reġistru ta' din il-Qorti sebgħa minuti wara li daqq nofsinhar, ċjoè sebgħa minuti wara l-ħin preskritt għall-għeluq tar-Reġistru (ara Notifikazzjoni tal-Gvern 286 tal-1950 għal perijodu mis-16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru);

It-terminu ta' jumejn, għalhekk imsemmi fl-art. 431(3) Kap. 12, kien għadda;

B'daqshekk, però, ma ġiex invalidat l-appell;

Dak it-terminu, a differenza tal-ieħor preskritt fl-art. 429 idem, ma hux mogħti lill-appellant, iżda lir-Reġistratur tal-Qrati Inferjuri. L-appellant għamel dak kollu li kellu jagħmel, ċjoè ippreżenta r-rikors fiż-żmien meħtieġ u ħallas "a tempo debito" għall-introduzzjoni tal-attijiet. L-appellant ma għandux ibati ebda konsegwenza għal dak li ma kienx affattu jiddependi minnu, imma biss mir-Reġistratur tal-Qrati Inferjuri (art. 55(1) Kod. Proċ. Ċiv.);

Din il-Qorti tiddeplora din il-proċedura. Ma jidherx sewwa li l-attijiet jintbagħtu mir-Reġistru tal-Qrati Inferjuri f'ħin tant arriskjatament viċin għall-ħin tal-għeluq, li faċli ħafna li ikun hemm ritard, billi ma jitħalliex marġini ta' prudenza għal xi evenjenza; u lanqas jidher deżiderab-

bli li t-trasmissjoni ta' attijiet ta' importanza tiġi fdata lil sempliċi fattiga, li ma hux ċertament uffiċjal inkluż fil-kategorija organika tal-Qrati, partikolarment meta jkun qiegħed jinkalza terminu preskritt mill-liġi. Il-Qorti qegħdha tagħmel assenjament li fil-futur dan l-inkonvenjent jiġi rimedjat, biex jiġu evitati inċidenti simili u talvolta evitati wkoll provvedimenti oħra;

Għal dawn r-raġunijiet tiddirimi l-inċident billi tiddikjara li l-appell proċeduralment hu validu.